MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 950/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Husam Saleh Belgasem Shalghom** iben Saleh u Souad nee` Zamzi imwieled Libya nhar is-07 ta' Marzu 1986 u resident gewwa indirizz mhux maghruf, Msida, Malta u detentur tal-Passaport numru E. 090153

U

**Siraj S. B. Shalgom** iben Saleh u Souad nee' Zarnazi imwieled Libya nhar it-3 ta' Awissu 1981 u resident gewwa indirizz mhux maghruf, Msida, Malta u detentur tal-Passaport numru E.616165

Talli;

1) Nhar is-26 ta' Settembru 2013 ghal habta tal-erbgha neqsin kwart ta filghodu (03:45a.m) gewwa San Giljan, ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2) U aktar talli fl-istess data , lok, hin u cirkostanzi; attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta xorta li ma jitqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kisru il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

4) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet leggittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

5) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew kontra PC 132 Keith Sultana u PC 777 Christopher Ebejer sabiex jingurjawhom, idejjquwhom jew jaghmlulhom hsara.

Talli Siraj Belgasem Shalghom wahdu;

6) Fl-istess lok, hin u cirkostanzi; volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema –ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mijja u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), ghad-detriment ta' Keith Sultana.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom iz- zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi l-imputat Siraj Saleh Belgasem Shalgum hallas seduta stante l-ammont ta' €40 ghas-saldu ghad-danni li kkaguna lil Keith Sultana;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 95, 96, 338(dd) u (ee), 339(1)(d) u (e), 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------